MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 180/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tommaso Montalto,**
**Carmelo Gatt u**
**Edward Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Tommaso Montalto, Carmelo Gatt u Edward Buhagiar talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

(I) lil Tommaso Montalto u Carmelo Gatt wahidhom talli:

a) ghamlu falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe` billi ffalsifikaw diversi fatturi kummercjali u skritturi kummercjali ohra, mahruga minn kumpaniji u individwi u relatati ghall-hlasijiet ta' makkinarju u artikli ohra in konnessjoni ukoll ma' facilitajiet ta' self minn banek kummercjali; U aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-imsemmija atti, kitba jew skritturi foloz;

b) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex gieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew bi krediti immaginarji ghamlu qliegh ta' cirka Lm500,000 (nofs miljun liri Maltin) bi hsara ta' Mid-Med Bank Ltd., Investment Finance Bank, Galtom Ltd., St. John Textiles Ltd., u diversi kumpaniji u individwi ohra in konnessjoni mal-fatti fuq imsemmija;

c) halfu l-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament in konnessjoi mal-fatti fuq imsemmija;

(II) lil Edward Buhagiar wahdu, talli irrenda ruhu komplici fir-reati kommessi minn Tommaso Montalto u Carmelo Gatt billi, xjentement ghenhom jew assistihom fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

(III) lil Tommaso Montalto wahdu talli approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn diversi somom ta' flus ta' haddiehor, komplessivament ammontanti ghal aktar minn Lm100,000 liema somom ta' flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu li jsir

uzu minnhom specifikat u dan in konnessjoni ma’ diversi bank drafts ta’ banek kummercjali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Awwissu 2004 li permezz taghha ddecidiet illi l-imputazzjonijiet dedotti taht l-artikoli 183, 184, 108(a), 42(d) u 293 tal-Kap. 9 kemm jekk diretti kontra xi whud mill-appellati (allura imputati) jew kontra wiehed minnhom huma preskritti b'hekk li kull azzjoni tinsab estinta, filwaqt li ghal dik li hi l-imputazzjoni ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kap. 9 dedotta kontra l-appellati Tommaso Montalto u Carmelo Gatt din ma tirrizultax u konsegwentement illiberathom minn dik l-imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali tat-13 ta’ Settembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellati Tommaso Montalto u Carmelo Gatt fir-rigward tar-reat taht l-artikolu 308 peress li ma tirrizultax (konkluzjoni kondiviza mill-appellant), thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok wara li jinstemghu il-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellati fl-imputazzjonijiet restanti dedotti kontrihom u tinfliggi l-piena skond il-ligi jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza u decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti erronejament illiberat lill-appellati minhabba li l-azzjoni kienet preskritta meta fil-fatt u skond il-ligi dan ma kienx il-kaz. Huwa jsostni li meta l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet li l-perijodu preskrittiv applikabbli kien ta' hames snin, hija ghamlet enuncjazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi; dan ghaliex qabel ma wiehed jara t-terminu preskrittiv applikabbli, wiehed

ghandu jiehu in kosniderazzjoni l-fatt li l-prosekuzzjoni pprospettat ir-reat kontinwat fl-imputazzjonijiet dedotti. Ghaldaqstant, jghid l-appellant, ghall-finijiet ta' komputazzjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni z-zieda fil-piena a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap.9. Fir-rikors ta' appell imbaghad l-appellant ikompli hekk:

"Kieku r-reat dedott kontra l-appellati ma giex kwalifikat bhala wiehed kontinwat, allura ma kienx iwassal ghall-piena ta' aktar minn tliet snin (artikolu 278 tal-Kodici Kriminali) u l-Qorti Inferjuri tigi li tkun applikat legalment u korrettement t-terminu preskrizzjonali ta' hames snin li fil-fatt applikat. Izda bil-kwalifika tar-reat bhala wiehed kontinwat, il-piena relativa tista' tizdied minn grad sa zewg gradi, b'massimu ta' hames snin (artikoli 18 u 31(1)(b)(vi)(vii)(viii) tal-Kodici Kriminali), b'mod, ghalhekk, li t-terminu preskrizzjonali applikabbli huwa dak ta' ghaxar snin (artikolu 688(c) tal-Kodici Kriminali). Huwa ta' min jinnota f'dana r-rigward li, skond l-artikolu segwenti ta' dak il-Kodici, ghaz-zmien tal-preskrizzjoni ma ghandux jittiehed qies unikament ta' skuzi u cirkostanzi attenwanti u tal-aggravanti tar-recidiva, izda mhux ukoll tar-reati kontinwati. B'ligi, infatti, ir-reat kontinwat huwa reat wiehed (art. 18 Kodici Kriminali)."

Qabel xejn din il-Qorti tosserva li l-artikolu 278 tal-Kodici Kriminali citat mill-Avukat Generali ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern. Hadd mill-appellati ma huwa akkuzat b'serq! Apparti dan, pero`, l-aggravju ta' l-Avukat Generali fir-rigward ta' kif tigi kalkolata l-piena ghall-fini ta' preskrizzjoni meta persuna tigi akkuzata b'reat kontinwat huwa korrett. Difatti a tenur ta' l-artikolu 689 tal-Kap. 9 ghaz-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandux jittiehed qies unikament ta' skuzi u cirkostanzi attenwanti u tal-aggravanti tar-recidiva; izda mhux ukoll ghalhekk tar-reat kontinwat fejn il-piena tista' tizdied bi grad jew zewg gradi.

Fid-dawl ta' dan premess, il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-pozizzjoni fir-rigward tar-reati addebitati lill-appellati, eskluz ir-reat ta' frodi b'ghemil qarrieqi skond l-artikolu 308 li l-ewwel Qorti ddeterminat li ma tirrizultax u

l-appellant Avukat Generali ddikjara li jikkondividi tali konkluzjoni.

L-ewwel imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati Montalto u Gatt huma dawk ghal ksur ta' l-artikolu 183 tal-Kap. 9 (falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pbbliku) u ta' l-artikolu 184 (min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti foloz). Ghal dawn ir-reati, minghajr zieda bhala reat kontinwat, il-piena hija dik ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Issa, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, il-perijodu preskrittiv ghal dawn ir-reati huwa ta' ghaxar snin u mhux ta' hames snin. Il-partijiet relattivi ta' l-artikolu 688 tal-Kap. 9 huma dawn:

**"688. Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:**

**….**

**(c) bl-eghluq ta' ghaxar snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn disa' snin u <u>mhux anqas minn erba' snin</u>;**

**(d) bl-eghluq ta' hames snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' <u>anqas minn erba' snin</u> u mhux anqas minn sena"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Huwa ovvju li hawn si tratta semplicement kwistjoni ta' gurnata: kieku l-piena kienet ta' erba' snin nieqes gurnata, certament kienet tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin, mentri minhabba li si tratta ta' zmien ta' erba' snin bhala massimu minghajr ma jittiehed kont tal-fatt li hemm l-addebitu tar-reat kontinwat, hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' ghaxar snin u mhux dik imsemmija mill-ewwel Qorti. Biz-zieda fil-piena minhabba l-allegazzjoni tar-reat kontinwat, il-perijodu preskrittiv jibqa' dak ta' ghaxar snin peress li b'zieda ta' grad il-piena titla' ghal massimu ta' hames snin u b'zieda ta' zewg gradi titla' ghal massimu ta'

sitt snin[1]. Mix-xiehda ta' l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Kevin Ellul Bonici u mid-dokumenti in atti jirrizulta li l-imputazzjonjiet jikkoncernaw il-perijodu ta' qabel l-1987. L-appellati tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta' Ottubru 1994. Ghalhekk l-imputazzjonijiet dedotti skond l-artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 mhumiex preskritti.

Imputazzjoni ohra dedotta kontra l-appellati Tommaso Montalto u Carmelo Gatt hi li halfu l-falz quddiem magistrat jew ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, u dan bi ksur ta' l-artikolu 108(a) tal-Kap. 9. Il-piena fir-rigward ta' din l-imputazzjoni hi dik ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena. Anke bl-allegazzjoni ta' reat kontinwat fir-rigward ta' din l-imputazzjoni wkoll, il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi li ggib li l-piena tista' titla' sa sentejn, u, fit-termini ta' l-artikolu 688(d) tal-Kap. 9 il-perijodu preskrittiv huwa ta' hames snin. M'hemm l-ebda dubju ghalhekk li l-azzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni hi preskritta stante d-dekorriment ta' aktar minn hames snin minn meta allegatament gie kommess dan ir-reat.

L-appellat Edward Buhagiar qieghed jigi akkuzat b'komplicita` fir-reati kommessi minn Tommaso Montalto u Carmelo Gatt skond l-artikolu 42(d) tal-Kap. 9. Barra minn meta l-ligi tghid xort'ohra, il-komplici f'delitt jehel il-piena stabbilita ghall-awtur[2]. Konsegwentement fil-konfront ta' l-appellat Edward Buhagiar, bhala akkuzat b'komplicita` fir-reati skond l-artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9, il-perijodu preskrittiv huwa wkoll dak ta' ghaxar snin, u b'hekk l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu in kwantu tirreferi ghal dawn l-artikoli mhijiex preskritta. In kwantu tista' tirreferi ghal ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 108(a) hi preskritta u in kwantu tista' tirreferi ghal ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 308 hi wkoll preskritta stante li l-piena ghar-reat ta' frodi b'ghemil qarrieqi hi ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena li tista' titla' sa massimu ta' sentejn bl-allegazzjoni tar-reat kontinwat u allura l-perijodu preskrittiv huwa ta' hames snin.

---

1 Artikolu 31 (1)(b)(v)(vii)(vii) tal-Kap. 9.
2 Artikolu 43 tal-Kap. 9.

L-ahhar imputazzjoni hi dik dedotta kontra l-appellat Tommaso Montalto wahdu ta' approprjazzjoni bla jedd skond l-artikolu 293 tal-Kap. 9 fejn il-piena hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn disa' xhur u f'kaz ta' cirkostanzi aggravanti skond l-artikolu 294 ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. Hawn ukoll il-perijodu preskrittiv huwa ta' hames snin, anke kieku wiehed kellu jqis zieda ta' zewg gradi minhabba allegazzjoni ta' reat kontinwat.

F'dawn ic-cirkostanzi l-appell ta' l-Avukat Generali sejjer jigi milqugh parzjalment. Mill-atti ta' l-istruttorja pero`, u specifikatament mill-verbal ta' l-1 ta' Dicembru 2003, jirrizulta li tnizzel hekk:

"Il-Qorti nfurmata li l-kawza tista' tmur ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni b'dan pero` illi Dr. J. Giglio ghandu jaghmel nota ta' riferenza ghan-nota tal-prosekuzzjoni."

Huwa ghalhekk evidenti li l-provi tad-difiza u/jew trattazzjoni dwar il-mertu ma kienx ghadu sar. U billi l-ewwel Qorti kienet iddecidiet li l-imputazzjonijiet kollha, ghajr dik a tenur ta' l-artikolu 308 tal-Kap. 9, huma preskritti, huwa opportun issa li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex il-partijiet, u partikolarment l-appellati, ma jigux privi mill-beneficcju tad-doppju ezami.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' parzjalment l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellati Tommaso Montalto u Carmelo Gatt fir-rigward tar-reat taht l-artikolu 308 tal-Kap. 9, tikkonfermaha wkoll in kwantu ddikjarat l-azzjoni preskritta fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet taht l-artikoli 108a u 293 u 294 tal-Kap. 9, tiddikjara li l-imputazzjoni ta' komplicita' ta' l-appellat Edward Buhagiar in kwantu tirrigwarda ksur tal-provvedimenti ta' l-artikoli 108a u 308 tal-Kap. 9 biss hi preskritta u ghalhekk tilliberah minnha in kwantu tirreferi ghal dawk il-provvedimenti, tirrevokaha in kwantu ddikjarat l-azzjoni

preskritta fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet taht l-artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 fir-rigward ta' l-appellati Tommaso Montalto u Carmelo Gatt u b'referenza ghall-artikolu 42(d) fir-rigward ta' l-appellat Edward Buhagiar, u ghall-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex, wara li tisma' l-provi li baqa' tad-difiza u/jew wara li tisma' t-trattazzjoni opportuna, tiddeciedi l-kaz skond il-ligi fuq l-imputazzjonijiet taht l-artikoli 18, 183 u 184 fir-rigward ta' l-appellati Tommaso Montalto u Carmelo Gatt u b'referenza wkoll ghall-artikolu 42(d) fir-rigward ta' l-appellat Edward Buhagiar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------